



RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-9 t'Ottubru, 2006

**lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea
dwar l-awdituri esterni tal-Banka Slovenije**

(BĊE/2006/14)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 27.1,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Eurosistema huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rikkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.
- (2) Skond l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/495/KE tal-11 ta' Lulju, 2006, b'konformita' ma' l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni mis-Slovenja tal-valuta waħdanija fl-1 ta' Jannar, 2007¹, is-Slovenja issa tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro u d-deroga favur is-Slovenja imsemmija fl-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni 2003² hija abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar, 2007.
- (3) L-awdituri esterni rikkmandati hawnhekk huma l-awdituri preżenti tal-Banka Slovenije, li kienu maħtura għas-snin finanzjarji 2006 sa 2008,

¹ ĠU L 195, 15.7.2006, pġ. 25.

² ĠU L 236, 23.9.2003, pġ. 33.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rikkmandat li Deloitte & Touche revizija d.o.o. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2007 u 2008.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fid-9 t'Ottubru, 2006

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET